**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Nru. 133/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg,**
**Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Stefan SCICLUNA**

**Illum, 28 ta' Frar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Marzu 2018 fil-konfront tal-appellat **Stefan SCICLUNA** ta' 23 sena, iben Raymond u Elizabeth nee` Harrington, imwieled Pieta` nhar l-10 ta' Mejju 1989, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 227389(M) li ġie mixli talli:

F'dawn il-Gżejjer, nhar is-17 ta' Lulju 2012, kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'ħinijiet differenti u f'diversi postijiet diversi madwar Malta:

1) Importa jew offra li jimporta mediċina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjonl Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jitrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitx lill-imputat (illum l-appellat) **Stefan SCICLUNA** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u b'hekk illiberatu minnhom.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita (u tal-affarijiet relatati magħha) hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tas-sekwestru u fir-rigward ta' spejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti, liema talbiet saru fiċ-*charge sheet,* u dana stante li l-imputat Scicluna ġie liberat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali interpona appell minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Marzu 2018, li permezz tiegħu talab lil din l-Onorabbli Qorti "***tħassar u tirrevoka*** *s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi tas-7 ta' Marzu 2018 u* ***minflok issib lil Stefan Scicluna ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi sabiex tiddisponi mill-każ skond il-liġi u tinfliġġi l-piena idoneja u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.***"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar il-11 ta' Ġunju 2018, il-partijiet trattaw l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali. Jirriżulta wkoll illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, fit-22 ta' Frar

2024, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom xejn x'iżidu mat-trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, "*salv illi Dr. Stephen Tonna Lowell* [għall-appellat] *qed jirreferi ghal Dok. SS esebit a folio 609 tal-process  u dan sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tieghu meta tigi biex tirredigi s-sentenza.*"[1]

## E. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-kawża odjerna tirrigwarda pakkett postali li ntbagħat miċ-Ċina nhar it-30 ta' Marzu 2021 u wasal f'Malta nhar l-20 ta' April 2012, bl-istess pakkett jiġi proċessat l-għada 21 ta' April 2012, liema pakkett kien indirizzat lill-appellat odjern Stefan SCICLUNA fl-indirizz Flat 4, Ġebel San Martin, Binja San Klement, Żejtun u kien indikat illi jikkontjeni *Titanium Dioxide.* Stante illi dak iż-żmien, kien qed isir xi ċaqliq fl-uffiċini tal-Posta, il-pakkett ġie *misplaced* u kien biss nhar l-10 ta' Lulju 2012 li nstab mill-uffiċjali tal-Posta. Jirriżulta in oltre illi nhar il-11 ta' Lulju 2012, l-istess pakkett intbagħat mill-Uffiċċju tad-Dwana ġewwa l-*Maltapost* lil *Port Health Office* għal investigazzjonijiet ulterjuri fuq il-kontenut tiegħu, b'dawn tal-aħħar jirrappurtaw lura illi s-sustanza ndikata fuq il-pakkett ossia *Titanium Dioxide* ma kinitx intiża għall-konsum uman.  Minn hemmhekk, sar kuntatt mal-*Enforcement Unit* tad-Dwana u minn testijiet li saru fuq il-kontenut tal-pakkett nhar it-13 ta' Lulju 2012 ġewwa l-Uffiċċju tad-Dwana fi ħdan il-*Maltapost*, irriżulta illi s-sustanza kontenuta fl-istess pakkett irriżultat fil-pożittiv għall-amfetamina, b'dan għalhekk illi nhar is-16 ta' Lulju 2012, il-pakkett ġie kkonsenjat lill-Ispettur Jesmond J. Borg, fi ħdan l-Iskwadra kontra d-Droga u nfetħet inkjesta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella.  Stante illi rriżulta lix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta, illi s-sustanza ġewwa l-pakkett kienet *mephedrone*, bl-awtorizżazzjoni tal-istess Maġistrat Inkwirenti, nhar is-17 ta' Lulju 2012 saret konsenja kontrollata tal-pakkett in kwistjoni lill-appellat, li ħa l-konsenja tal-istess pakkett u ġie arrestat.  L-għada, 18 ta' Lulju 2012, huwa rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif

[1] Ara a fol. 187 tal-proċess.

ukoll il-jedd illi jottjeni parir legali, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx.

6. Dakinhar stess tat-18 ta' Lulju 2012, l-appellat ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, sabiex iwieġeb għall-imputazzjonjiet odjerni. Kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għas-sentenza tagħha fil-konfront tal-appellat nhar is-7 ta' Marzu 2018, li permezz tagħha lliberat lill-istess appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

7. Preliminarjament din il-Qorti tqis illi jeħtieġ illi tindirizza l-punt imqajjem mill-appellat, fit-trattazzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, dwar il-jedd tal-Avukat Ġenerali illi jintavola appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Minkejja illi l-avukat difensur tal-appellat, waqt l-istess trattazzjoni, ġie espressament mistieden sabiex jiddikjara jekk dan il-punt kienx qed jitqajjem bħala eċċezzjoni, għal-liema mistoqsija l-istess avukat difensur wieġeb illi l-punt kien wieħed akkademiku, l-avukat difensur irravviża wkoll illi huwa l-obbligu ta' din il-Qorti li tinvestiga *marte proprio* din il-materja, li huwa fisser bħala waħda ta' ordni pubbliku.

8. L-appellat jissottometti illi l-Avukat Ġenerali ma kellux dritt tal-appell fit-termini tal-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, ċitat mill-istess Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-appell tiegħu, u dan għaliex mal-mument illi l-Qorti Kriminali, b'digriet tagħha tat-12 ta' Novembru 2014, irrimandat il-każ lura sabiex ikompli jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-kawża kellha tiġi trattata bħala li din kienet taqa' taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk l-appell ma kellux jiġi msejjes fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

9. Din il-Qorti tqis illi l-appellat ġie mixli bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati, hekk kif huwa ġie addebitat bir-reati ta' importazzjoni u pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta (*mephedrone*), f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu

esklussiv tiegħu, u dan għalhekk fit-termini tal-Artikoli 40A u 120A(1)(a) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985. Sussegwentement, bis-saħħa tal-Artikolu 120A(2) tal-istess Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali ħareġ Ordni sabiex l-appellat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, kif fil-fatt seħħ. L-Artikolu 123A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati dwar proċedimenti kriminali li jinqalgħu mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 120A.

M'hemmx dubju, kif ingħad, illi dawn huma proċeduri li nqalgħu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif għalhekk lanqas ma hemm dubju illi l-Avukat Ġenerali kellu l-jedd, ai termini tal-artikolu ċitat, illi jintavola l-appell odjern. Għaldaqstant, minkejja kull referenza li l-Avukat Ġenerali għamel għall-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali bħala bażi għall-appell tiegħu, dan ma jinvalidax id-dritt tal-appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-7 ta' Marzu 2018, anke għaliex wara kollox, ebda disposizzjoni tal-liġi ma teħtieġ illi fir-rikors tal-appell jiġi indikat dak l-artikolu partikolari tal-liġi li minnu jitnissel il-jedd tal-appell.

10. Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa wieħed u ċioe` illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta ma sabitx ħtija fl-appellat għar-reati lilu addebitati. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jkunx barra minn loku illi jiġi riprodott is-segwenti bran mir-rikors tal-appell, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali fisser l-aggravju tiegħu:

> *"Illi, fil-kaz in dizamina, għalkemm ma jidhirx li jezistu provi diretti a rigward il-ħtija tal-appellant, jezistu pero diversi provi indizzjarji li lkoll jippuntaw għall-fatt li l-appellat kien ben konxju li huwa kien qed jimporta s-sustanza mephedrone."*[2]

11. Jirriżulta għalhekk u fl-ewwel lok illi l-Avukat Ġenerali jikkondividi l-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma seħħilix tressaq prova diretta u konkreta ta'

[2] Ara a fol. 574 tal-atti proċesswali.

l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-appellat Stefan Scicluna. Madanakollu u fit-tieni lok, l-Avukat Ġenerali jisħaq illi minkejja n-nuqqas ta' provi diretti li l-ewwel Qorti setgħet tistrieħ fuqhom għall-finijiet ta' sejbien ta' ħtija, l-atti ta' din il-proċedura jinkorporaw provi ndizzjarji li l-ewwel Qorti setgħet tistrieħ fuqhom sabiex issib reita` fl-appellat.

12. Għalkemm din il-Qorti ma tqisx illi f'dan il-każ huwa meħtieġ eżerċizzju elaborat tal-prinċipji tad-dritt li jirregolaw il-provi, huwa tajjeb illi wieħed iqis il-funzjoni vera u proprja ta' din il-Qorti, fosthom dik illi din il-Qorti ta' reviżjoni ma tibdilx il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, anke jekk din ma tkunx l-uniku konklużjoni li setgħet tasal għaliha, purche` dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha (ara **Il-Pulizija vs Ishmael Cachia**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Diċembru 2022; **Il-Pulizija vs Tyson Grech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 2024; **Il-Pulizija vs Joseph Tabone**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Novembru 2022). Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**i:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[3]

[3] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta'

13. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq dawk il-provi li fid-diskrezzjoni tagħha tqis li jikkostitwixxu l-aħjar prova, liema provi, flimkien mal-provi mressqin mid-difiża, jeħtieġ li jitqiesu fl-assjem tagħhom (ara **Il-Pulizija vs Tyson Grech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 2024), meta l-Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk tirriżultax reita` fil-grad rikjest mil-liġi. Hekk ukoll, filwaqt illi provi ndizzjarji huma ammissibbli fil-kamp penali u jagħmlu prova fil-konfront tal-akkużat, huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana illi din il-prova trid tkun univoka u ċioe` prova li fuqha l-Qorti tista' raġjonevolment tasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija tal-akkużat, mingħajr dubju dettat mir-raġuni (ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri), 5 ta' Lulju 2002, **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**, Qorti tal-Appell Kriminali, 8 ta' Mejju 2014).

14. Din il-Qorti tosserva illi fil-maġġjor parti tagħhom, il-provi riżultanti mill-atti proċesswali m'humiex ikkontestati mill-partijiet. Jirriżulta ampjament ippruvat illi l-appellat Stefan SCICLUNA akkwista merkanzija mingħand is-soċjeta` estera Kemeo Group Inc., u dan bl-użu ta' mezzi elettroniċi, għal liema merkanzija huwa ħallas personalment mill-kont bankarju intestat f'ismu, miżmum fi ħdan il-Bank of Valletta plc. Jirriżulta wkoll ippruvat illi d-destinatarju tal-pakkett li ġie interċettat mill-uffiċjali tad-Dwana, mertu ta' dawn il-proċeduri, kien proprju l-appellat odjern. Il-pern tal-kontestazzjoni hija dwar in-natura tal-merkanzija li l-appellat akkwista. Minn naħa l-waħda, l-appellat jisħaq illi huwa akkwista merkanzija li ma kinitx regolata bil-liġi fiż-żmien tal-każ odjern, ossia dik li huwa jsejjaħ '*legal highs*', u għalhekk illi l-kontenut tal-pakkett destinat għalih u nterċettat mid-Dwana ta' Malta, li jirriżulta li kien jikkontjeni *inter alia* s-sustanza *mephedrone*, ma kienx dak illi huwa kien akkwista. Mill-banda l-oħra, il-Prosekuzzjoni ssostni illi l-appellat kien xjentement akkwista u mporta f'Malta, merkanzija li kienet regolata bil-liġi, u dan filwaqt illi ttenta jostor in-natura vera tal-merkanzija regolata bil-liġi li huwa kien akkwista.

---

Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

15. Dawk li l-Avukat Ġenerali jqis bħala provi ndizzjarji li fuqhom qiegħed isejjes l-appell tiegħu, jistgħu jiġu brevement elenkati kif isegwi:

(i) Illi l-parti l-kbira tal-istqarrija tal-appellat, meqjusa fid-dawl tal-assjem tal-provi proċesswali, m'għandhiex mis-sewwa, partikolarment in kwantu jirrigwarda ż-żmien li fih ġiet ordnata, il-kwantita` tal-merkanzija hekk ordnata, il-prezz imħallas minnu għaliha u n-numru ta' drabi li huwa akkwista merkanzija mingħand is-soċjeta` Kemeo Group Inc.;

(ii) Illi l-insistenza tal-appellat illi l-merkanzija tintbagħat mhux permezz ta' pakkett wieħed, iżda tnejn, b'indikazzjoni li l-kontenut ikun dak ta' *'beauty supplies'* ma kinitx neċessarja, kemm il-darba kien minnu illi l-merkanzija akkwistata mill-istess appellat ma kinitx regolata bil-liġi;

(iii) Illi l-fatt illi l-appellat akkwista merkanzija bi prezz eżorbitanti għandu jwassal għall-konklużjoni illi huwa kien qiegħed jakkwista sustanza kontrollata bil-liġi.

16. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tarax kif dan l-aggravju, mfisser kif inhu mill-Avukat Ġenerali, jista' jkun wieħed fejjiedi, fid-dawl tal-provi kollha fl-atti proċesswali. Jidher illi lill-Avukat Ġenerali sfuġġilu l-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa` qieset dak kollu sollevat fir-rikors tal-appell, tant illi fis-sentenza tagħha għamlet il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

> *Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni, filwaqt li taghmel riferenza ghal numru ta' fatturi fattwali, pero fl-istess waqt taghmel riferenzi ohra li jistghu jitqiesu biss bhala kongetturi u suspetti. Il-Qorti tinnota li, mill-assjem tal-atti processwali u tenut kont ta' dak li jirrizulta minnhom, ma jfisser xejn li l-imputat talab li l-ordni ta' 1kg tigi mibghuta f'pakketti ta' 500 gramma. Ma jfisser xejn anqas li l-imputat kiteb: "Before you used to ship the item with a fake invoice and packaging with beauty sample image on it that helped pass from customs. [...] I noticed the package sent this time was just normal" (a fol. 261). Ma jfisser xejn anqas li 1-imputat kiteb: "1 have ordered more*

*than 5kgs+ since the early days of this website" (a fol. 260). Ma jfisser xejn anqas il-fatt li fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li meta l-pakkett in kwistjoni gie konsenjat lilu huwa tefa' l-pakkett fil-cupboard u li sakemm dahlu l-Pulizija kien fetah biss il-karta tal-posta. Kif diga nghad, dawn huma biss kongetturi da parte tal Prosekuzzjoni.*

17. In-nuqqas ta' kredibilita` u affidabilita` tal-imputat ravviżata mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu, anke li kieku dan jirriżulta minnu, ma jistax waħdu jissarraf fi prova illi dak illi l-Prosekuzzjoni tallega li seħħ, seħħ tassew ossia illi l-appellat xjentement ordna u mporta l-*mephedrone* mingħand is-soċjeta` estera, u mhux *legal highs*, kif jallega hu fl-istqarrija rilaxxjata minnu. In parte, l-Avukat Ġenerali jidher illi qed jissolleċita lil din il-Qorti sabiex issib ħtija fl-appellat fuq il-premessa illi dak li huwa stqarr fil-fażi tal-investigazzjoni m'għandux mis-sewwa. Jidher ukoll illi l-Avukat Ġenerali qed jissolleċita lil din il-Qorti sabiex issib ħtija fl-appellat fuq l-iskorta tal-prova illi huwa lmenta mas-soċjeta` estera dwar il-fatt illi preċedentement il-merkanzija kienet tiġi konfezjonata bħala *beauty supplies*, u din bħala prova illi l-merkanzija li huwa akkwista kienet waħda illi huwa kien jaf li kienet regolata bil-liġi. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tqisx illi l-appellat kien ħallas ħafna flus għal din il-merkanzija, u għalhekk kellu kull interess illi din tasal għandu mingħajr problemi. Bl-istess mod, jidher illi l-Avukat Ġenerali qed jistieden lil din il-Qorti sabiex issib reita` fl-appellat għaliex skont hu, l-appellat ħallas prezzijiet eżorbitanti kemm għal din il-merkanzija kif ukoll għal oħrajn, u dan minkejja li l-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ma kienx f'posizzjoni illi jagħti l-prezz tal-*mephedrone* fuq is-suq. A bażi tal-prezzijiet li l-appellat ħallas lis-soċjeta` estera, u li jirriżultaw mill-kontijiet bankajri tal-istess appellat, esebiti fl-atti, għalhekk l-Avukat Ġenerali qed jippretendi illi din il-Qorti tqis din il-prova bħala waħda indizzjarja ta' xiri u importazzjoni xjenti ta' *mephedrone*, meta ma ġiet prodotta assolutament l-ebda prova tal-prezz tal-istess sustanza, jew *del resto* xi prova kontradittorja dwar il-prezz tas-sustanzi li l-appellat jgħid illi akkwista.

18. Ir-reat ta' importazzjoni ta' droga, daqskemm ukoll tal-pussess, huwa wieħed doluż. Fir-rigward issir referenza għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika</u>**

**ta' Malta vs Timothy Joseph Agius** tat-22 ta' Ġunju 2022, fejn ingħad hekk:

Illi dwar l-element formali ġie deċiż:

**"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2).[4]" (sottolinjar tal-Qorti)**

19. Dan ifisser illi l-persuna li tkun daħħlet id-droga ġewwa Malta, hija preżunta li daħħlitha xjentement, jiġifieri li kienet taf bl-eżistenza ta' dak l-oġġett importat bħala li kienet sustanza illeċita u għalhekk li kienet qed iddaħħal id-droga. Hawnhekk il-liġi toħloq preżunzjoni ta' fatt bl-oneru tal-prova jiġi spostat fuq l-akkużat, sabiex jipprova sal-livell tal-probabbli, illi huwa ma kellux ix-xjenza meħtieġa fil-liġi. Allura, fil-każ odjern, kien jeħtieġ illi l-appellat jipprova illi huwa ma kienx jaf li fil-

[4] L-Artikolu 26(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa riprodott fil-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, taħt l-Artikolu 120A(2), li jgħid hekk: *Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata jkun dak ta' pussess ta', jew bejgħ jew traffikar ta', mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkuzat ma jkunx jista'jiddefendi ruħu billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess tiegħu, jew li kien qed ibiegħ jew jittraffika, xi ħaġa li ma kenitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta', jew il-bejgħ jewt raffikar ta', dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta'xi dispożizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra.*

pakkett mibgħut lilu miċ-Ċina kien hemm is-sustanza illeċita *mephedrone*.

20. F'dan il-każ, id-dokument esebit mill-appellat, konsistenti f'*email* li ġiet mibgħuta lilu in kwantu l-ordni mertu tal-każ odjern, ossia dak bin-numru 140480, liema ordni sar minnu fit-18 ta' Marzu 2012, juri proprju dak li l-istess appellat kien ordna ossia i) AM-2201 bil-prezz ta' elfejn, mitejn u tletin ewro (€2230) għal elf gramma, u ii) *Methylone, bk-MDMA* bil-prezz ta' mitejn, tnejn u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€242.50) għal ħamsin gramma.[5] Iż-żewġ sustanzi ma kinux regolati mil-liġi fiż-żmien tal-każ odjern, iżda ġew skedati ferm wara permezz tal-Avviż Legali 48 tas-sena 2016. Illi l-appellat kien ordna din is-sustanza, jirriżulta wkoll minn *chat* tat-22 ta' Marzu 2012 bejn l-appellat u rappreżentant tas-soċjeta` estera, formanti parti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[6], li fiha l-appellat jagħmel referenza għal dak illi huwa kien akkwista, ossia elf gramma AM-2201, u għall-prezz tal-konsenja kollha fis-somma ta' mitejn, seba' mija u sbatax-il ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€2717.28), inkluż il-prezz tat-trasport, bl-ammont ta' elfejn, seba' mija, wieħed u għoxrin ewro (€2721) (inkluż spejjeż bankjarji), jidher ukoll fil-kont bankarju tal-appellat mal-Bank Valletta plc bħala li ġie mħallas lis-soċjeta` Kemeo Group Inc. nhar it-22 ta' Marzu 2012[7]. Ir-riżultanzi minn dawn id-dokumenti ma ġewx ikkontestati mill-Avukat Ġenerali, li lanqas ma jagħmel aċċenn għalihom fir-rikors tal-appell tiegħu.

21. In oltre u kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, *a tempo vergine* u fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-appellat mill-ewwel jammetti illi kemm il-darba kien akkwista *legal highs* permezz ta' mezzi elettroniċi, u illi minnhom kien ibiegħ lil ħaddieħor, iżda ċaħad illi huwa qatt kellu l-*mephedrone* id-dar, jew illi biegħ minnha. Mhux biss, iżda fl-istess stqarrija, l-appellat jirreferi għall-*email account* tiegħu, kif ukoll għall-*account* ta' *Skype* u fin-nota tiegħu tal-15 ta' Frar 2013, esebita minnu quddiem l-Ewwel Qorti, huwa jagħti l-*email address* tiegħu, kif ukoll il-*password* tal-istess sabiex jiffaċilita x-xogħol tal-espert Dr. Martin Bajada u jinstabu d-

[5] Ara a fol. 222 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 256 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 361 tal-proċess.

dokumenti relatati mal-konsenja in kwistjoni.[8] Oltre minn hekk huma wkoll xierqa l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti in kwantu fil-kontro-eżami tiegħu, ix-Xjenzat Godwin Sammut jixhed illi "*Iva mill-esperjenza li ghandi fil-laboratorju mhux l-ewwel darba li jkun hemm pakketti specjalment li jigu mic-Cina li jkunu mmarkati bhala xi haga u tkun infatti xi haga ohra*" u dan wara d-domanda li saret lilu mill-avukat difensur tal-appellat: "*Inti mill-esperjenza tieghek qatt kien hemm kazijiet fejn kien hemm importazzjoni ta' certa sustanza u fil-fatt gew ricevuti sustanzi ohrajn*?".[9] Pertinenti wkoll huma l-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti illi mix-xhieda ta' missier l-appellat, Raymond Scicluna, jirriżulta illi meta l-appellat sar jaf illi l-marda li kellha ommu setgħet tintiret minnu, huwa ġie maħkum bl-anzjeta` u illi stante li l-kura li kien qed jingħata ma kinitx qed tgħinu, huwa beda jfittex forom oħrajn ta' kura. Din il-Qorti tinnota in oltre illi għajr għal xi pilloli li skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut huma kontrollati taħt it-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u li dwarhom il-Prosekuzzjoni lanqas xliet lill-appellat, fil-pussess tal-istess appellat instabu sustanzi oħrajn, li madankollu, lanqas ma rriżultaw illi kienu lleċiti.

22. Din il-Qorti tqis għalhekk illi l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ma jistgħux għajr jitqiesu bħala konklużjonijiet gratwitament raġġunti u illi ċertament m'humiex suffiċjenti sabiex isarrfu f'sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellat odjern. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellat irnexxielu juri, sal-grad tal-probabbli, illi l-ordni minnu magħmula mas-soċjeta` estera ma kinitx għas-sustanza *mephedrone*, iżda għal sustanzi oħrajn illi, fiż-żmien tal-każ, ma kinux regolati bil-liġi. Din il-Qorti għalhekk tqis illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, u tikkondividi bis-sħiħ il-fehma ta' dik il-Qorti meta rriteniet illi:

> *Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi dak li jirrizulta fl-atti processwali jista' jindika biss diversi ipotesijiet u*

[8] Ara a fol. 218 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 433 tal-proċess.

*mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konklużjoni wahda. Il-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq numru ta' fatti u eskludiet diversi fatti ohra u ghamlet numru ta' kongetturi.*

*Illi, mehud in konsiderazzjoni dan kollu, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu. Il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih taht iz-zewg imputazzjonjiet addebitati fil-konfront tieghu.*

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**